

Dispożittiv

- 1) L-appell prinċipali, magħmul mill-Cofradía de pescadores “San Pedro” de Bermeo u l-appellanti l-oħrajn, li isimhom jidher fl-anness tas-sentenza tal-Qorti tal-Prim’Istanza tal-Komunitajiet Ewropej tad-19 ta’ Novembru 2005, Cofradía de pescadores “San Pedro” de Bermeo *et vs* Il-Kunsill (T-415/03), huwa miċċud.
- 2) L-appell inċidentali, magħmul mill-Kunsill ta’ l-Unjoni Ewropea, huwa miċċud.
- 3) Il-Cofradía de pescadores “San Pedro” de Bermeo u l-appellanti l-oħrajn, li isimhom jidher fl-anness tas-sentenza tal-Qorti tal-Prim’Istanza tal-Komunitajiet Ewropej tad-19 ta’ Ottubru 2005, Cofradía de pescadores “San Pedro” de Bermeo *et vs* Il-Kunsill (T-415/03) u l-Kunsill ta’ l-Unjoni Ewropea għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom.
- 4) Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej għandha tbatu l-ispejjeż tagħha.

**Digriet tal-president tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-22 ta’ Novembru 2007 —
Il-Kummissjoni vs Scott**

(Kawża C-296/07 P (R))

“Appell — Proċeduri għal miżuri provviżorji — Digriet li jiddikjara li mhemmx lok li tingħata deċiżjoni — Appell manifestament infondat”

Appell — Appell minn digriet li jiddikjara li mhemmx lok li tingħata deċiżjoni dwar proċeduri għal miżuri provviżorji — Rikors prinċipali deċiż minn qabel — Astensjoni tal-Qorti tal-Prim’Istanza — Appell manifestament infondat (Artikolu 242 KE; Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Prim’Istanza, l-ewwel paragrafu ta’ l-Artikolu 104 (1)) (ara l-punti 21-23)

Suġġett

Appell mid-digriet tal-Qorti tal-Prim’Istanza (Il-President) tat-30 ta’ Marzu 2007, Scott vs Il-Kummissjoni (T-366/00 R), li jiddikjara li ma kienx hemm lok li tingħata deċiżjoni dwar talba għal miżuri provviżorji mressqa fil-kuntest ta’ rikors għal annullament ta’ deċiżjoni tal-Kummissjoni li ddikjarat għajnuha mill-Istat bħala inkompatibbli mas-suq komuni.

Dispożittiv

- 1) L-appell huwa miċħud.
- 2) Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej hija kkundannata għall-ispejjeż.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tad-29 ta’ Novembru 2007 —
Meister vs L-UASI**

(Kawża C-12/05 P-REV)

“Proċedura — Talba għal reviżjoni — Talba fir-rigward ta’ digriet mogħti skond l-Artikolu 119 tar-Regoli tal-Proċedura — Kundizzjonijiet — Appell — Fatt ġdid — Inammissibbiltà”